Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1609/2002

**Jurgen Brammer**

**vs**

**Nazzareno sive Ronnie Zammit ezercenti fil-kummerc bhala Ronnies Marine Centre**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm960.00c (disa' mija u sittin lira Maltin) u b'digriet tas-26 ta' Settembru 2002, l-ammont ta' Lm960.00c gie sostitwit bl-ammont ta' Lm1500.00c (elf u hames mitt lira Maltin) rappresantanti danni sofferti mill-attur kawza ta' negligenza u mperizji fl-ezekuzzjoni ta' xoghol li l-konvenut ghamel fuq dghajsa ta' l-attur, fuq inkarigu ta' l-istess attur.

Bl-ispejjez b bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-rikors prezentat mill-konvenut fis-17 ta' Settembru 2002.

Sema' t-trattazzjoni.

Ikkonsidera

Illi l-konvenut qed jitlob illi jigi ammess biex jiddefendi ruhu mit-talbiet attrici. Li gara huwa li r-risposta tieghu giet dattilografata fuq formula erronea – ossia fuq il-formula tal-avviz propria u minflok eccezzjoni, giet intavolata talba.

Illi huwa ovvju li l-konvenut wara li gie debitament notifikat bl-avviz, nkariga lil konsulent legali ta' fiducja tieghu biex jippreparalhu u jipprezentalu r-risposta tieghu biex jikkontesta t-talba attrici. Dana effettivament ghamlu – pprepara r-risposta pero' bi svista giet dattilografata fuq formula erronea u hekk giet prezentata! Ghal raguni ovvja din il-formula ma sabitx ruhha fil-process odjern. Apparentement b'hekk il-konvenut gie jidher li huwa kontumaci.

Rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni, t-Tribunal ma jistax ma jezercitax id-diskrezzjoni tieghu skond il-ligi izda b'sens ta' giustizzja w umanita. Wara kollox, hija l-giustizzja li tigi mifittxija quddiem dan it-Tribunal.

It-Tribunal ghalhekk jordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u tawtorizza l-inseriment tar-risposta f'dawn l-atti, bl-ispejjez ghall-istess konvenuti. Fl-istess hin it-Tribunal jordna l-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**